**Il-Bambin tal-abbandunati**

Ħaddtha l-kbira sorpriża
Meta lejlet il-Milied,
Blajt bronkite wisq qawwi
Li ħallieni donni rmied.

Mela kif kont bla saħħa
Għaddhieli minn moħħi ħsieb,
Għandna Bambin kbir w ħelu
Li jiġbor madwaru ħbieb.

Minn hawn u minn hemm jien qomt
Ħriġt bil-mod għall-kuritur,
Inżilt isfel bil-qajla
Sakemm wasalt b'qalbi tfur.

Bil-ferħ u b'ħafna ħila
Biex inwassal dal-messaġġ,
Għax fil-qalba ta' qalbi
Rajtu jiddi dan ir-raġġ:

"Ħuti, dis-sena ġewwa
Fil-Milied jien ma niflaħx,
U fis-sikta ta' saħħti
Li gas bosta ma baqax.

Ngħidilkom kif inħossni
Fis-solitudni tal-mard,
Li għalkemm ħaġa kerha
Tagħtni ferħ li qatt ma bsart.

Qed tarawh lil dal-Bambin?
Kemm hu ħelu u gustuż?
Tħares lejh tinsa d-dinja
Tifraħ, ma tibqax anzjuż

Dal-Bambin tajnieh isem
Semmejnieh għal mitluqin,
Għal dawk li ġew imwarrba
U qatt m'huma milħuqin.

B'għajnejh iħares lejhom
Jitbissmilhom hu biss jaf,
Ma' qalbu jrid jgħannaqhom
Kull wieħed minnhom jindaf.

Int, minn dal-Milied ftakar
Li waqt li tkun qed tbati,

Iggranfa sew mal-Bambin
L’hu tal-abbandunati.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.